**EKONOMIJA 7**

---

## Kif sejra Malta?

**Marie Briguglio**

Ir-risposta skond ir-riga li tuza. Jekk ir-riga hija dik li tkejjel il-ġid materjali, il-flus li naqilgħu u li nonfqu kull sena, cioe' il-Prodott Gross Domestiku, allura sejrin tajjeb - sija bħala kwantita assoluta u anke minn ras għal ras, bħala medja. Sejrin tajjeb f'dak li hu tkabbir ekonomiku anke meta tqabbilna mal-pajjżi avvanzati. Qabel faqqgħet il-pandemija konna sejrin aħjar milli qatt morna fl-istorja ekonomika tagħna.

Imma jekk nistaqsu jekk żdiedx il-ġid ta' min hu fqir, ir-risposta tkun inqas feliċi. Għalkemm teżisti l-ideja li meta l-ekonomija tikber igawdi kulħadd, fil-verita' biex il-ġid jitqassam u jasal anke għand min jgħix fi stat ta' faqar hemm bżonn politika speċifika, immiriata għal dawk is-setturi tas-socjeta' li jikber kemm jikber il-Prodott Gross Domestiku, xorta ma jmisshomx. Jidher, li minkejja dak kollu li sar, f'dawn l-aħħar snin, is-sinjur stagħna u l-ifqar fost il-fqar tfaqqru. Skond l-aħħar figuri, ħamsa fil-mija tal-Maltin issa għandhom bejniethom 40 fil-mija tal-ġid – ħafna iktar milli kellhom għaxar snin ilu.

Issa jekk terga' flok ir-riga tal-flus naqbdu dik tas-sostenibbilta' jew kemm l-ekonomija tiflaħ tibqa' sejra hekk, hemmhekk ir-risposta ixaqqleb lejn il-le. Dan ifisser li bir-riga tal-Prodott Gross Domestiku preżenti is-sitwazzjoni tidher tajba, imma b'dik tas-sostenibilta' m'hijiex. Biex dawwarna sold (jew miljun) kellna nibnu l-artijiet u l-ġonna, nirfdu l-irħula bil-bini modern u noftqu it-tessut urban, niġġisna l-ambjent xi drabi għad-danni ta' saħħitna stess. Il-ġid materjali ġie, imma ġie bi prezz għoli ħafna kemm għall-kbar, u ferm iktar għaż-żgħar. Tant, li meta tqis kollox, għal sezzjoni kbira tas-soċjeta il-kwalita' tal-ħajja marret aktarx li marret lura. Anke jekk persuna, b'mod individwali, żdied il-ġid materjali tagħha, trid tara x'tilfet. Forsi il-ħin li tgawdi il-ħajja, il-post fejn tgawdiha u ma min twagdiha. L-akbar telliefa huma dawk li ma gawdewx mill-ġid materjali iżda qed isofru il-konsegwenzi tal-gwadann ta' ħaddieħor.

Jekk nixtarru ftit iehor u nużaw ir-riga tal-kwalita' ta' ħajja, tas-serenita', kuntentizza, sodisfazzjon bil-ħajja, ħajja fejn hemm skop, tkabbir personali, kapital socjali, sigurta u dak kollu li jwassal għall-ġid soċjali, hemmhekk hemm ħafna iktar xi tgħid. Jekk tħares lejn l-indiċi ta' l-iżvilupp uman, jew tas-*Sustainable Development Goals*, jew l-indiċi tal-kuntentizza tal-Gallup, se tara li Malta tinstab quddiem fost il-pajjizi kollha tad-dinja – imma ħafna minn dawn il-pajjiżi għandhom livell ta' żvilupp baxx. Jekk inkella tqabbel lil Malta mal-pajjiżi Ewropej, hemmhekk se ssibna lejn l-aħħar fuq kwazi kull indiċi - għajr dak ekonomiku.

Fi ftit kliem, ir-risposta għall-mistoqsija dwar kif sejrin, teħtieg mistoqsija oħra: b'liema riga? S'issa ir-riga li intużat l-iktar hawn Malta – bħal f'bosta pajjiżi oħra – hija dik tal-Prodott Gross Domestiku. Imma wasal iż-żmien li nkejjlu kif sejrin lil hinn mill-qliegħ ta' flus mir-ras għall-ras. Mhux biss għax il-ġid materjali ma jitqassamx b'mod ekwu, imma anke għax mhux ikejjel il-kwalita` tal-ħajja u l-ġid soċjali.

Huwa għalhekk li qed isiru attentati biex jinstab indiċi li jkejjel il-ġid soċjali b'mod trasparenti, konsistenti, komparabli u akkontabbli. Dan sabiex is-suċċess tal-pajjiż ikun jista' jitkejjel u jitqabbel b'riga "surit in-nies". Il-politika tkun tista' tissawwar b'tali mod li twassal għal żieda fil-ġid soċjali u mhux b'emfasi żejda fuq il-flus. B'hekk inkunu nistgħu nifhmu tabilħaqq *kif sejrin*.

*Dr. Marie Briguglio hija ekonomista u tmexxi il-progett Malta Wellbeing INDEX mniedi mill-Fundazzjoni Għal-Ġid tas-Soċjeta' bi sħab ma' l-Universita' ta' Malta.*